# Baħar iktar nadif u sigur...

## Regoli ġodda għas-6 miljun dgħajsa ta' rikreazzjoni fl-Ewropa

Ħarsa lejn il-kosta tal-gżejjer Maltin malajr turina l-ammont kbir ta' dgħajjes li għandna. Dawn id-dgħajjes qed isiru dejjem iktar popolari għar-rikreazzjoni tal-familji fix-xhur sħan tas-sajf. Dan iżid il-bżonn li tiġi mħarsa s-sigurtà, kemm ta' dawk li jużaw id-dgħajjes u kif ukoll tal-għawwiema. Jikber ukoll il-bżonn li jitrażżan it-tniġġis tal-baħar sabiħ tagħna.

Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni Ewropea għadha kemm ħarġet proposti għat-titjib tar-regoli f'dan ir-rigward. Dan permezz ta' reviżjoni ta' Direttiva li diġà teżisti u li tittratta l-manifattura ta' dgħajjes u *jet skis* li jintużaw għar-rikreazzjoni fl-ibħra Ewropej. L-emendi proposti jistabbilixxu limiti iktar stretti għall-emissjonijiet minn dawn l-inġenji u li dawn id-dgħajjes u *jet skis* ikollhom il-marka CE mwaħħla fuq il-komponenti kollha tagħhom. Din il-marka tiggarantixxi l-kontrolli neċessarji għal baħar iktar sigur u nadif.

Ir-regoli proposti, fost l-oħrajn:

- Inaqqsu l-emissjonijiet u t-tniġġis b'mhux inqas minn 34%;
- Jassiguraw li kemm il-manifatturi tad-dgħajjes u kemm dawk li jimpurtaw xi dgħajsa għalihom personali, l-iktar minn barra l-UE, iżommu ma' regoli li huma l-istess għal kulħadd;
- Jistabbilixxu miżuri ġodda ta' sigurtà, bħal dik li d-dgħajjes għandhom jinħadmu b'mod li ma jinqelbux jew li ma jegħrqux jekk dan jiġri.

Bħal f'każijiet oħra, dawn ir-regoli jitfasslu b'mod li jinżamm bilanċ bejn is-sigurtà u l-effett ambjentali minn naħa, u li tinżamm il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-industrija tad-dgħajjes li tinvolvi madwar 272,000 ħaddiema, f'37,000 kumpanija, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u medji.



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas